

## L-Għanja tal-Poeti Ġorġjani Lill-Patrun tagħna lkoll
# San Ġorġ Megalomartri

*Carmel Camilleri*

Fost il-ħafna ħlejjaq li jagħtu ġieħ u qima b'kull mod lil San Ġorġ Martri, insibu sezzjoni minnhom li huma l-poeti rinomati Ġorġjani, Maltin u Għawdxin. Għalhekk tajjeb li bi ħsieb lejn il-festa solenni li ser niċċelebraw din is-sena niftakru f'ħutna l-Ġorġjani li nisġu għanja ta' tifħir lil Patrun tagħna, u li lkoll kemm huma ħolqu l-ġnien Letterarju Qormi madwar il-kbir Qaddis ta' kull żmien, San Ġorġ Martri. Qed nillimita ruħi sabiex insemmi biss il-poeti l-aktar rinomati fil-qasam tal-Letteratura Maltija minħabba l-ispazju limitat.

**Poeti Għawdxin**

Nibdew minn **Ninu Cremona** li twieled fis-27 ta' Mejju 1880 u tgħammed fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Huwa għex xi żmien ġewwa Tuneż u meta reġa' lura Malta studja fis-Seminarju t'Ghawdex, u wara f'dak ta' Malta. Fl-età ta' 32 sena ħass il-ġibda għall-kitba bil-Malti. Huwa beda jippubblika l-ewwel xogħlijiet tiegħu ta' proża u poeżija fir-rivista 'Il-Ħabib'. Fl-1921 l-Għaqda Kittieba tal-Malti waqqfet kummissjoni sabiex tirriforma l-ortografija Maltija u Ninu Cremona flimkien ma' Ġanni Vassallo kellhom sehem importanti f'dan ix-xogħol li wara ġie ppubblikat bl-isem 'Tagħrif fuq il-Kitba Maltija'. Fl-1947 Ninu Cremona ngħata l-midalja 'Ġużè Muscat Azzopardi' filwaqt li l-Università ta' Malta onoratu bid-Dottorat fil-Letteratura 'Honoris Causa' fl-4 ta' Ġunju 1960. Fost il-ħafna xogħlijiet tiegħu Ninu Cremona kiteb il-poema li tiddeskrivi x-xena li seħħet fl-1429 u li hija nkwadrata f'waħda mill-arzelli li hemm fil-Bażilka ta' San Ġorġ, xogħol il-pittur Taljan Gian Battista Conti. L-aħħar silta mill-poema kienet tgħid hekk:

*Tkun imbierka għal dejjem*
*Il-ħniena Mqaddsa ta' Missierna Pawlu,*
*Tal-Qaddis Ġorġ u l-għaġeb ta' qdusithom,*
*U Kristu ħelisna*

Poeta ieħor Ġorġjan rinomat huwa **Ġorġ Pisani,** li twieled nhar is-6 ta' Mejju 1909 u ġie mgħammed fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Huwa għamel diversi studji avvanzati fil-Letteratura klassika, fil-filosofija u fit-teoloġija. Huwa kien kollaboratur mal-kittieb E.B. Vella sabiex inġabar materjal għat-*text book* 'Ġabra ta' Ward'

*ikompli f'paġna 74*

fl-1930. Ħafna minna studjaw dan it-*text book* fil-Primarja. Huwa baqa' jkompli l-istudji tiegħu fejn bejn l-1935 u l-1940 inħatar l-ewwel Surmast Malti fil-Liċeo t'Għawdex. Huwa ġie onorat bil-midalja għall-Qadi tar-Repubblika fl-1992 u ngħata ġieħ il-Belt Victoria fl-1997 mill-Kunsill Lokali. Fost il-ħafna xogħlijiet letterarji tiegħu Ġorġ Pisani kiteb diversi poeżiji f'ġieħ il-Patrun t'Għawdex, San Ġorġ. Illum ser nisiltu strofa li turi mħabbtu lejn il-Patrun li jġib ismu:

*Ġżiritna kollha tgħum ġod-dawl tar-raġġi*
*Li tarmi fostna ta' San Ġorġ il-Glorja;*
*Għalina huwa l-pern li fuqu jduru*
*Il-kotra tal-ġrajjiet u ta' l-istorja.*

L-aħħar Poetessa minn Għawdex li ser nitkellmu fuqha hija **Mary Mejlak**, li twieldet nhar id-9 t'Awwissu 1905 u ġiet mgħammda fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Mary Mejlak studjat fl-iskola Sekondarja tar-Rabat, imbagħad kompliet tistudja għal rasha, u xorta rnexxielha tilħaq għalliema. L-ewwel bdiet fl-iskejjel Primarji (1925-32) u wara fis-Sekondarji (1944-62). Hija kellha mħabba kbira għal-lingwa Maltija minkejja l-preġudizzju ta' dak iż-żmien fejn il-lingwa tagħna kienet meqjusa tajba biss għall-kċina. Imma xorta baqgħet soda u flimkien ma' sħabha ħadmu kemm felħu biex l-ilsien Malti jkun stmat u jingħata l-ogħla ġieħ. Hija kitbet diversi kotba kemm proża u kemm poeżiji bil-Malti. Fost il-kotba tagħha hemm il-ktieb 'Pleġġ il-Hena' li ġie mfaħħar ħafna u ħafna kienu jqisuħ bħala l-aħjar ktieb tagħha. Nagħlqu din is-silta dwar Mary Mejlak billi naqraw strofa minn Poeżija li marret tgħanni lil San Ġorġ:

*San Ġorġ Tagħna, l-għaxqa tagħna,*
*Int il-mimmi ta' għajnejna*
*U nħossuna mkabbrin ħafna,*
*Li ġejt merħi ġewwa jdejna!*

**Poeti Qriema**

Ħal Qormi barra li huwa sinjur b'talenti artistiċi varji, mhux inqas ma huwa nieqes bil-poeti fost uliedu. Ser insemmi persuni li nafuhom sew għax jgħixu jew għexu fostna matul dan iż-żmien u li huma: George Portelli, il-mibki George Bianchi, Carmel Bianchi u Rev. Dun Pawl Genovese saċerdot li ta kontribut qawwi fil-knisja u l-parroċċa tagħna f'diversi modi. Barra li huwa magħruf għall-artistrija fl-armar, Dun Pawl hu magħruf ukoll għall-poeżija. Bħal ta' qablu kollha huwa twieled u tgħammed ġewwa l-Knisja Arċipretali u Arċi Matriċi dedikata lil San Ġorġ Megalo Martri. Fuq dawn li semmejt tafu daqsi għax kitbiethom għadhom magħna.
**Ġużè Galea** twieled nhar is-17 ta' Lulju 1901 u tgħammed fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ. Studja fis-Seminarju tal-Arċisqof (1914-17) u wara fil-Kulleġġ San Alwiġi (1918-20). Fl-Università ta' Malta huwa ħa l-Lawrja ta' Spiżjar u fl-1925 sar Tabib. Fl-1928 mar jistudja Londra fejn speċjalizza fis-saħħa pubblika u mbagħad ingħata d-Diploma fis-saħħa pubblika (D.P.H.) mir-R.C.P.S.

fl-1932 u wara sar *Fellow of the Royal Society of Health.* Huwa kien *Lecturer* fil-mediċina Forensika (1949-55) u Professur tal-istess mediċina Forensika (1955-61). Ġużè Galea kien jinteressa ruħu ħafna f'Ħal-Qormi fejn fl-1925 ippubblika l-ktieb 'Il-Knisja ta' Ħal-Qormi' u sitt snin wara storja qasira tal-*Ordni Kostantinjan ta' San Ġorġ.* Huwa rċieva diversi unuri f'ħajtu fosthom it-titlu ta' Kavallier tal-Ordni ta' San Ġorġ. Huwa kiteb diversi stejjer u poeziji fejn ser nisiltu strofa minn poeżija minn tiegħu lejn San Ġorġ:

*Fost il-ferħ u l-hena tagħna*
*F'dan il-jum ħelu sabiħ*
*Lil San Ġorġ ejjew inroddu*
*Kif jixraqlu, l-ogħla ġieħ.*

**Ġużè Cardona** twieled nhar it-30 ta' Marzu 1922 u tgħammed fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ. Ġużè Cardona kiteb diversi rumanzi kif ukoll kien riċerkatur u anke għalliem fl-iskejjel tal-Gvern. Kien iħobb jikkomponi l-poeżiji u l-mużika fit-tlieta ta' filgħodu. Huwa kellu l-vuċi ta' Tenur u kien ikanta fil-quddies. Ma jistax jonqos li kien ikanta wkoll fil-festa ta' San Ġorġ għax kull min kien jattendi l-ġranet tal-festa kien isibu fuq quddiem nett bil-karti f'idu fuq l-Orgni tal-Knisja tagħna jkanta b'ċertu ħeġġa. Jiena ta' tifel żgħir kont narah ikanta; intant il-karatteristiċi tiegħu kienu l-mustaċċi u ċ-ċoff. Huwa beda l-edukazzjoni tiegħu mill-Primarja ta' Ħal-Qormi u kompla fil-kulleġġ ta' San Alwiġi fejn għamel il-Matrikola u għadda. Is-sena ta' wara beda l-kors tal-Farmaċija u l-Mediċina. Huwa sar Membru tal-Għaqda tal-Malti, Membru fil-Kunsill tal-Fergħa Drammatika, kif ukoll Segretarju għax-Xandir (1945-47). Ġużè Cardona daħal l-Università fl-1939 u aktar tard inħatar Surmast tal-Malti fil-Liċeo. Fl-1964 spiċċa l-B.A. fil-Malti u aktar tard fl-istess sena spiċċa l-M.A. fil-Malti. Fl-1976 inħatar Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-iskejjel tal-Gvern. Fost il-poeżiji tiegħu nsibu wħud ta' tifħir lil San Ġorġ. Ser nisiltu strofa minn waħda mill-poeżiji tiegħu dedikati lill-Patrun tagħna San Ġorġ:

*Minn ċkunitna ħabbejna dil-Knisja*
*Illi niesna semmew għal SAN ĠORĠ,*
*LEJH inġbidna minn demmna bla nafu*
*Li kien hu għall-Insara bħal borġ!*

**Ġorġ Zammit** twieled fis-16 ta' Marzu 1908 u tgħammed fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ. Huwa beda l-edukazzjoni tiegħu mill-iskola tal-Agostinjani (Qormi) u kompla fil-Kulleġġ Flores, fil-Liċeo u San Alwiġi. Fl-1930 kiseb il-Baċċellerat tal-Arti mill-Università u wara issokta fl-Università Gregorjana ta' Ruma. Huwa għallem fil-Liċeo ta' Malta, fis-Seminarju t'Għawdex u fl-Università ta' Malta. Fl-1935 huwa ħa l-Baċellerat fl-Arti mill-Università ta' Londra u disa' snin wara iggradwa bħala Avukat mill-Università ta' Malta. Huwa kellu karriera sabiħa f'din il-professjoni tant li kien imfittex ħafna fil-qasam ċivili. Huwa kiteb ħafna kotba u rumanzi. Fost dawn insibu x-xogħlijiet ta' Wenzu u Rożi, liema xogħlijiet

*ikompli f'paġna 77*

kienu popolari speċjalment meta nqalbu għat-televiżjoni u ħafna mix-xeni kienu miġbuda f'Ħal-Qormi (San Ġorġ). Huwa kiseb diversi unuri f'ħajtu, fosthom mill-Ordni ta' San Ġwann, mir-Repubblika Taljana u mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ. Fost il-poeżiji tiegħu huwa kiteb ukoll sunetti dedikati lill-Kbir Martri ta' Kristu – San Ġorġ Martri. Se naqraw silta minn sunett dedikat lil San Ġorġ li jgħid:

*Narak, għadek kif qbiżt, bix-xabla f'idek,*
*Minn fuq iż-żiemel abjad u sabiħ,*
*Fuq fommok talb ta' radd il-ħajr lil Sidek,*
*F'għajnejk id-dawl ta' Kavallier rebbieħ.*

**Ġużè Muscat Azzopardi** twieled fl- 1 ta' Settembru 1853 u tgħammed fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri. Huwa beda l-istudju tiegħu ġewwa s-Seminarju ta' Malta u baqa' għaddej bl-istudju tiegħu fl-Università ta' Malta fejn iggradwa bħala Prokuratur Legali. Huwa ddedika ħafna ħin għall-politika, u fl-1919 ġie elett bħala Rappreżentant tal-istampa u tal-*Comitato Patriottico.* Kien jirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema Maltin fi ħdan il-Partit Laburista. Kien maħtur ukoll fil-kummissjoni li ħejjiet il-Kostituzzjoni ta' Malta fl-1921. Huwa ħadem ħafna biex il-lingwa Maltija tkun rikonoxxuta bħala l-Lingwa uffiċjali. Partiti oħra kienu kontra, min kien favur il-lingwa Taljana u min favur il-lingwa Ingliża. Huwa kien Malti patrijott għall-ilsien Malti, infatti huwa kien ko-Fundatur u President tal-Għaqda Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Huwa baqa' jiġi mfakkar bħala 'Missier il-Letteratura Maltija'. Ġużè kien ukoll jispeċjalizza fil-ġurnaliżmu u kien editur ta' diversi ġurnali popolari ta' dik l-epoka. Ġużè kien magħruf ukoll għal numru kbir ta' proża, poeżiji u rumanzi. Huwa baqa' jħobb lil Ħal Qormi u lil San Ġorġ sal-aħħar nifs ta' ħajtu, kif jixhdu diversi persuni magħrufa. Qabel waħda mill-poeżiji tiegħu Ġużè Muscat Azzopardi naqqax fuq l-iskritt tiegħu nota li tgħid: 'F'April 1885 kont marid għall-mewt. Jumejn fuq il-festa ta' SAN ĠORĠ, tawni l-għodda t'Alla, u ħames tobba mill-aħjar qalu li ma kellix insebbaħ. Dak il-lejl hewdint ħafna li qiegħed nitkellem ma' SAN ĠORĠ, u mas-sebħ għaddejt f'qagħda għall-aħjar'. Wara din l-istqarrija li ħarġet minn fomm l-awtur, huwa mar kiteb poeżija fuq dan l-isfond u ser naqraw silta żgħira minnha:

*Ħalli, mela, nfaħħar ismek;*
*Ħalli ngħid quddiem kulħadd*
*Li min fik ittama sewwa*
*Bla mismugħ ma jibqa' qatt.*

*Lilek Alla, fl-għoli talla'*
*Li ma jniżżlek minnu ħadd.*

Dawn huma l-Poeti Ġorġjani li nisġu l-għanja tagħhom lil San Ġorġ il-Patrun tagħna lkoll, għax kemm f'Għawdex u kemm f'Ħal-Qormi żejnu l-ġnien Letterarju dedikat

*ikompli f'paġna 79*

lil Patrun tagħna. Dawn il-persuni li qrajna fil-qosor dwarhom barra li għamlu isem għalihom, għamlu isem wisq ikbar lil dak li ħabbewh sinċerament minn qalbhom. Imma ħbieb tiegħi ma nistax nispiċċa dan l-artiklu jekk ma nsemmix lill-Poeta Nazzjonali Dun Karm u l-għożża li kellu għal San Ġorġ tagħna. Għax kif jista' jkun li tagħmel kejk kbir u sabiħ jekk ma żżejnux b'dik iċ-ċirasa ħamra? Għalhekk lil Dun Karm kulħadd għadu jafu sew minkejja li m'għadux fostna, u spiss jiġi mfakkar u għalhekk bħal dawk li semmejt fil-bidu, inħoss li għandna ntennu flimkien bil-qalb speċjalment f'dawn il-ġranet hekk sbieħ tas-Solennità nhar l-Għid ta' San Ġorġ dik l-istrofa li tinfed il-qlub:

***Ħalli mela jdoqq ferrieħi***
***Fuq il-fomm tagħna l-Qormin.***
***l-Innu tiegħek li qalb safja***
***Żejnet b'noti sbieħ ħelwin.***

***U nixtiequ li dan l-Innu***
***Jasal fl-għoli tas-smewwiet,***
***Biex minn hemm ixxerred fuqna***
***Tal-ħajr tiegħek il-ħlewwiet.***

***Maħbub Ġorġi f'din is-siegħa***
***Li tfarraġna b'dawl is-sliem***
***Agħmel inti li mħabbitna***
***Tkun fil-ħidma mhux fil-kliem***

**VIVA L-PATRUN PRINĊIPALI TAL-BELT PINTO**

## Ħbieb tal-Festa Ġorġjana

Il-Kumitat Festi Esterni ħoloq skema ta' sħubija għall-irġiel, nisa u żgħażagħ li għandom għall-qalbhom il-Festa ta' San Ġorġ Martri. Din is-sħubija tiswa €10 u tistà tiġġedded kull sena. Dawk li jissieħbu f'din l-iskema jingħataw kalendarju u ktieb annwali tal-Festa.

B'din l-iskema nkunu qed insaħħu l-operat tal-kumitat biex b'dawn il-fondi jkompli jaħdem biex ikabbar u jsebbaħ il-festa l-aktar fil-qasam tal-armar.

**Għall-aktar informazzjoni avviċinaw membru tal-Kumitat jew staqsu fil-maħżen tal-armar**